GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

Referenza: DELH 134/2024

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lis: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi / Uffiċjali Edukattivi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti
Kapijiet tal-Entitajiet

Suġġett: Korsijiet ta' Aġġornament COPE għall-Għalliema tat-Tielet Sena tal-Primarja
Data: 23 t'Ottubru 2024

---

Il-kapijiet tal-iskejjel primarji huma mitluba jgħaddu din iċ-ċirkulari lill-għalliema tagħhom.

L-għalliema tat-tielet sena tal-primarja huma mitluba li jattendu jum ta' taħriġ b'rabta mal-programmi COPE għas-sena 2025. Huma jridu jagħżlu ġurnata **waħda** mit-tlieta mogħtija, **wara diskussjoni u qbil mal-amministrazzjoni tal-iskola**, u jirreġistraw f'din il-ħolqa https://malti.skola.edu.mt/cope-2025/ u jsegwu l-istruzzjonijiet mogħtija.

**L-applikazzjonijiet jingħalqu fit-8 ta' Novembru 2024.** Min japplika l-ewwel, ikollu preferenza minħabba li l-postijiet huma limitati għall-ewwel 60 ruħ kull sessjoni. Kulħadd huwa mħeġġeġ jattendi u jasal fil-ħin.

**Napprezzaw li kull minn jirreġistra jattendi fid-data u l-post li jagħżel u ma jiħux post ħaddieħor jekk ma jkunx biħsiebu/ha jattendi/tattendi dakinhar.**

Id-dati u l-postijiet fejn ser isir it-taħriġ huma dawn:

13 ta' Jannar 2025 – 8:30am sa 14:30pm - Skola Sekondarja Verdala, Bormla, Kulleġġ Sta Margerita;

14 ta' Jannar 2025 – 8:30am sa 14:30pm - Skola Sekondarja Lily of the Valley, Mosta, Kulleġġ Marija Reġina;

15 ta' Jannar 2025 – 8:30am sa 14:30pm - Skola Sekondarja Karwija, Ħal Kirkop, Kulleġġ San Benedittu.

Min ikollu xi diffikultà jew jixtieq aktar dettalji, jista' jkellem lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti tal-Kulleġġ tiegħu.

Grazzi tal-attenzjoni,

Is-Sa Sandra Ebejer,

Direttriċi,

DELH